# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@stgeorge.org.mt | **L-Arċipriet** • **m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/stgeorge.org.mt | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | **t:** 2156 5207


## META KOLLOX DEHER LI SPIĊĊA...

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Kulħadd telaq lejn id-dar. Id-dixxipli reġgħu lura, min imbeżża', min reġa' qabad ix-xogħol li kellu qabel sejjaħlu l-Mulej, min mar jibki. Traġedja kbira. "Aħna konna nittamaw li Hu kellu jifdi lil Iżrael". Issa spiċċa kollox.

### IS-SALIB QALB IT-TIFRIK

Deher f'ħafna gazzetti dak is-salib fil-Katidral ta' Notre Dame wara n-nirien kbar. U għal ħafna kien raġġ ta' tama. Meta d-dinja tidher qed tispiċċa u kollox jikkrolla, il-fidi tagħna tagħti tama. Iva, il-Katidral ta' Notre Dame forsi għad jinbena, iżda għad jerġa jaqa', waqt li int u jien għad inqumu ma' Kristu għal dejjem.

### FIDI TAL-QABAR VOJT

Din hi l-fidi tagħna. Li kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa tkun il-fidi tagħna. M'hemmx Ġimgħa Kbira mingħajr Għid. G.K. Chesterton jgħid:

> *"Christendom has had a series of revolutions and in each one of them Christianity has died. Christianity has died many times and risen again; for it had a God who knew the way out of the grave."*



## STATWA ĠDIDA TA' ĠESÙ FL-ORT

Fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira żżanżnet l-istatwa devota ta' Ġesù fl-Ort. Din l-istatwa ġiet maħduma fl-injam mill-artisti u statwarji Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai. Din tagħmel parti mis-sett ta' vari tal-Passjoni li l-Parroċċa tagħna ordnat u bdiet snin ilu. Ħajr kbir imur lil-artisti li ħarġu l-espressjoni tant profonda ta' Kristu f'dak il-mument tremend fil-ħajja tiegħu. Nappellaw lil min jixtieq ikun benefattur ta' din l-istatwa biex ikellem lill-Arċipriet.

# L-GĦID IT-TAJJEB!

## L-OFFERTA TAT-TBERIK

It-Tberik se jsir kollu mill-Arċipriet. Araw il-programm li tqassam mal-Bullettin, u min ma jirċevihx jieħu wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali. Ninfurmawkom li d-donazzjoni li tagħtu lill-Arċipriet tmur għall-ħtiġijiet tal-Bażilika tagħna. Nirringrazzjawkom mill-qalb, għax bil-ftit ta' kulħadd il-Parroċċa tista' tibqa' tkun ta' servizz għalikom.



## IL-ĦADD TAL-ĦNIENA DIVINA

Mill-Ġimgħa l-Kbira tibda n-Novena tal-Ħniena Divina li twassalna biex Ħadd fuq l-Għid niċċelebraw il-festa tagħha. Il-Papa Franġisku qalilna: "Mhux Alla li jegħja jaħfer imma aħna li negħjew nitolbuh maħfra".

**Il-Fondazzjoni ARKA tixtieq tirringrazzja għall-ġabra ta' €500 li saret fil-Funeral ta' Claire Farrugia.**

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 21-04-2019 | Ġorġ Mercieca |
| 22-04-2019 | Toni u Ġolina Grech – Il-Kan. Joe Mejlak |
| 23-04-2019 | Tonina Cardona u Rita Grech |
| 24-04-2019 | Ġorġ u Francesca Saliba |
| 25-04-2019 | Ġanni u Ġorġa Mizzi |
| 26-04-2019 | Ewkarista Zammit |
| 27-04-2019 | Mike Camilleri |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM